MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 91/2009

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

Vs

**Marvic Mercieca ta’ 25 sena, iben Eucharistico u Rita nee’ Cassar, imwieled Rabat, (Ghawdex), nhar id-9 ta’ Jannar, 1984, residenti fil-fond numru 7, Triq L-Ispiera, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 7284(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Marvic Mercieca li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer gewwa Ghawdex, nhar il-11 ta’ Novembru, 2009, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru

l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, f’hinjiet differenti;

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkommetta dawn ir-reati f' post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur ta l-ordinanza dwar il-Profesjioni Medika u professjionijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-ordni moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tat-13 ta' Novembru 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tat-traffikar u pussess tad-droga eroina. Illi mill-provi akwiziti jirrizulta illi l-imputat huwa drug-abuser u fil-fatt lejn it-tmiem ta' dawn il-proceduri penali l-imputat beda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita ta' Santa Marija. Illi l-investigazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bdew meta l-pulizija rceviet informazzjoni anonima illi l-imputat kien qieghed ihalli xi sachets b'sustanza suspettata droga mohbija f'parapett fi Triq l-Isptar San Giljan, Fontana. Wara dana l-pulizija ghamlu xi granet isegwu lill-imputat u fl-ahhar arrestawh, saret tfittxija fil-vettura tieghu fejn hemmhekk instabu oggetti relatati mal-abbuz tad-droga bhal siringi, smontra, tissues fost affarijiet ohra. Illi dawn l-oggetti gew elevati mill-pulizija u ezaminati mill-ispizjar Godwin Sammut li ikkonferma illi s-sustanza misjuba kienet dik tal-eroina.[1]

Illi wara li gie arrestat l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn huwa ammetta illi kien jabbuza mid-droga eroina, li kien ilu jiehu dina d-droga ghal madwar sentejn u li kien jixtri l-istess droga minghand certu Joseph Bajada maghruf bhala l-Leslies jew Passet. L-imputat zied ukoll illi

[1] Ara rapport Dokument GS a fol.53

gieli xtara droga minghand dana l-Leslies sabiex ighaddi lil xi persuni ohra. Huwa jghid illi kien iforni erba' zghazagh bid-droga. Ighid illi kull pakkett li kien ikun fih .2gramma eroina kien jixtrieh ghal prezz ta' €20. Meta kien ighaddi dana l-pakkett lil terzi, jghid illi huwa qatt ma ghamel profitt bi flus ghaliex kien ighaddihulhom ghall-istess prezz, izda qabel kien jiehu ftit minnu hu. Gieli ma kienx jitlobhom flus peress illi kien jarahom "sick" u ghalhekk biex ma jibqghux f'dik is-sura kien jipprovdilhom pakkett meta ma kellhomx flus biex ihallsuh.[2]

Illi l-imputat inoltre offra x-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti (Il-Magistrat, illum Imhallef Anthony Ellul).[3] F'dina x-xhieda l-imputat jerga' jikkonferma dak mistqarr minnu lill-pulizija fl-istatement tieghu. Ighid:
"L-eroina nehodha bil-labbra. ...
L-eroina nixtriha minn ghand Joseph Bajada li ghandu l-laqam maghruf bhala il-Leslies u il-Passet. Dejjem minghandu xtrajt. Kuljum nixtri l-eroina minn ghand Joseph Bajada ."

Imbaghad ikompli izjed 'il quddiem:
"L-eroina li nixtri minnghand Jospeh Bajada gieli qsamtha ma' haddiehor.  ... Gieli kien hemm kazijiet fejn in-nies li ghandhom l-istess vizzju jghiduli nghamlilhom pjacir u nixtrilhom l-eroina minnghand il-Leslies. Jaghtuni €20 u nixtri pakkett ghalihom. ... Gieli kien hemm xi habib tieghi li juza l-eroina u minn fejn jixtri ma jaqdihx. Gieli gie habib hdejja u ighidli ghamilli pjacir ara takkwistax pakkett. Kont immur nixtri l-eroina ghal habib minn ghand il-Leslies. Imbghad naghti il-pakkett lill-habib. L-iktar li gew ghandi biex naqdiehom kienu erbgha min-nies differenti."

l-imputat imbaghad jammetti illi l-pakkett elevat mill-pulizija kien fih l-eroina. Jghid li xtara dina d-roga minghand il-Leslies u hallieha fil-post fejn instabet mill-pulizija ghal habib tieghu. Jghid li huwa xtara dina d-droga ghal siehbu biex ighamillu pjacir peress illi kien "sick"

[2] Ara stqarrija Dokument MP1 a fol.18
[3] Ara xhieda guramentata a fols. 43 et.seq.

minhabba d-droga. Jammetti li hbihielu fil-parapett tar-residenza tieghu.

Illi minn dana kollu ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizultaw ampjament ippruvati. L-istess madanakollu ma jistax jinghad ghall-ahhar akkuza billi ma hemm xejn fl-atti li jindika illi l-imputat kien ighaddi d-droga lil shabu f’post fi jew gewwa centru, u jew f’distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ post fejn jiltaqghu z-zaghzagh.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat fil-fatt ikkollabora mal-pulizija u indikalhom il-persuna minghand min kien jixtri sabiex b’hekk setghu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta’ Joseph Bajada.Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi beix tapplika dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda tas-social worker Brian Camilleri illi l-imputat qieghed isegwi programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita ta’ Santa Marija u beda dana l-programm fl-4 ta’ Ottubru 2010. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jibqa’ jinghata l-ghajnuna sabiex jeghleb dana l-vizzju.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(1B), 2(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 Ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939 kif sussegwentment emendat), filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija u multa ta’ €500. Il-Qorti qed taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat jithalla jkompli l-programm ta’ rijabilitazzjoni li qed isegwi gewwa l-Komunita ta’ Santa Marija u li fl-eventwalita illi huwa jigi mizmum gewwa l-Habs huwa ma jinzammx hdejn il-prigunier Joseph Bajada.

Tordna d-distruzzjoni tad-Dokument FT1 a kura tad-Deputat Registratur ta' din l-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Godwin Sammut.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €216.12 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------